THE YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION

The Youth Football Association
c/o The Centenary Stadium Ta' Qali ATTD 4000, Malta
00356 21237080 | 00356 79229395
www.theyouthfa.org.mt | info@theyouthfa.org.mt

14 t'Awwissu 2020

**Ċirkulari Nru 6/2020-2021**

Segretarju/a

**Bidu tal-kampjonat 2020-2021 u linji gwida COVID-19**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni preżenti marbuta mas-saħħa pubblika, nitolbukom tinnutaw l-aħħar aġġornamenti f'dak li jirrigwardja kampjonati tal-Youth FA.

1. Wara diskussjonijiet bejn l-MFA u l-awtoritajiet tas-Saħħa, il-**kampjonati tal-Youth FA** ser ikunu jistgħu jibdew mal-ftuħ tas-sena skolastika.

2. Il-**fixtures** li nħarġu fil-jiem li għaddew m'għadhomx fis-seħħ.

3. Dan iċ-ċaqliq jista' jsarraf f'**tibdil fil-format tal-kampjonat**. Għalhekk il-Kunsill qed jiddiskuti u jikkunsidra l-alternattivi kollha biex il-kampjonat ikun jista' jintlagħab f'perjodu limitat fejn wieħed għandu jqis diversi fatturi fosthom l-eżamijiet u waqfiet għat-timijiet Nazzjonali. Aktar informazzjoni dwar dan tingħata fil-ġranet li ġejjin.

4. Skont iċ-ċirkulari nru 17 maħruġa mill-MFA (mehmuża ma' din iċ-ċirkulari), il-Youth FA qed taħtar lil Joe Micallef bħala l-**persuna ta' kuntatt (COVID-19 Liaison) tal-Youth FA**. In-nurseries huma mitluba biex jirrappurtaw l-attivitajiet lil-Liaison Officer rispettiv tal-klabb tagħhom filwaqt li jżommu wkoll kuntatt mal-YFA.

5. Mal-istess ċirkulari msemmija hawn fuq, għandkom sett ta' **linji gwida** li għandhom jiġu osservati, u li jinqraw flimkien mar-rakkomandazzjonijiet fis-seħħ kif maħruġa minn SportMalta kif ukoll il-leġiżlazzjoni rilevanti. Biex jiġu faċilitati l-affarijiet dawn l-istess linji gwida qed jiġu mehmuża ma' din iċ-ċirkulari.

6. Is-**seminar annwali** li kien skedat għas-Sibt 29 t'Awwissu ġie pospost għalissa. Inżommukom infurmati b'data oħra meta s-sitwazzjoni tkun aħjar.

Il-kooperazzjoni ta' kulħadd f'dan iż-żmien ta' sfida hija importanti ħafna u għalhekk nappellaw sabiex wieħed dejjem iżomm kuntatt mal-awtoritajiet involuti.

Tislijiet

Stephanie Rocco
Segretarja Ġenerali